**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 385/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Joseph Zammit**

**Illum, 9 ta' April,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat **Joseph Zammit** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **484566M** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-post magħruf bħala CORRS female (parti mill-YOURS) li huwa faċilita korrettiva ġewwa l-Imtaħleb Malta u/jew f'dawn l-Gżejjer Maltin bejn it-30 ta' Lulju 2018 u id-19 t' Ottubru 2018, b'diversi atti magħmulin minnek ukoll jekk fi żminijiet differenti nu li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżpluzzjoni waħda:

1. Mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali fuq il-persuna ta' Omissis 1, mwielda fil-31 ta' Jannar 2003, meta l-istess minuri ġiet fdata lilu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jindukraha jew iżommha. Dan il-konġunġiment karnali jirriżulta li huwa

penetrazzjoni vaġinali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u/jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra;

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età u cioè ma' Omissis 1, mwielda fil-31 ta' Jannar 2003.

3. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, ġab ruhu b'mod li ta fastidju lil Omissis 1, mwielda fil-31 ta' Jannar 2003 u lil Omissis 2mwielda fil- 11 ta' Ġunju 2002.

4. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, kien jew missu kien jaf li kien ta' fastidju għal Omissis 1 u Omissis 2 Omissis 2.

5. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil Omissis 1 u lil Omissis 2għall xi att ta' intimità fiżika jew talab favuri sesswali mingħand l-istess persuni msemmija;

6. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil Omissis 1 u lil Omissis 2għal xi att u/jew imġieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluż bil-fomm, mossi u/jew għemil fejn dak l-att, kliem u/jew imġieba m'humiex mixtieqa mill-vittmi, u jistgħu raġjonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degredanti u/jew intimidatorji lejn l- istess persuni msemmija;

7. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi kkommetta reat meta kien uffiċjal pubbliku u kellu jissorvelja sabiex dan ir-reat ma jsirx jew kellu id- dmir jimpedixxi li jsir dan ir-reat;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-23 ta' Ottubru 2023, sabet lill-appellant mhux ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih u lliberatu minnhom stante li ma ġewx ippruvati oltre d-dubju dettat mill-liġi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali preżentat dit-23 ta' Novembru 2023, fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **Tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tieghu u tinfliggi piena skont il-ligi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi fl-umli fehma tal-Avukat Ġenerali, l-ewwel Qorti kienet żbaljata fl-apprezzament tal-provi li hija għamlet meta għaddiet sabiex tillibera lill-imputat qua appellat. L-appellant hawn jirrileva li fl-atti proċesswali hemm provi biżżejjed, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni sabiex tirriżulta r-reità.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lil Omissis 1 u Omissis 2quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, illi fiż-żmien tal-akkużi kellhom ħmistax u sittax-il sena rispettivament, fejn iz-zewg *parte civile* taw il-verzjoni taghhom rigward l-akkadut u liema xhieda gew ikkonfermati bil-gurament. Dawn ix-xhieda kienu essenzjali sabiex jsahhu t-tezi tal-prosekuzzjoni u jippruvaw l-akkuzi kollha addebitati lill-appellat.

Illi Omissis 1 xehdet kif ghal diversi drabi l-appellat illi kien jahdem bhala ufficjal inkarigat mill-maintenance tal-CORRS, kien jidhol fuqha waqt li kienet tkun qed tinhasel, jinqeda bil-vulnerabbiltà taghha u jistedinha tippartecipa f'atti sesswali. Hija

tispjega kif l-ewwel darba li graw dawn l-atti, hija kienet qieghda tinhasel u dahal l-appellat fuqha fejn ghaddilha kumment fuq il-figura taghha u hija mahsuda qaltlu "*Oj!*. L-appellat hareg mill-kamra ghaliex haseb li gejja l-gwardjana izda ftit mumenti wara regà dahal fuq Omissis 1, hargilha l-parti tiegħu u stedinha ghal sess orali. Omissis 1 tispjega illi l-istess haga grat għal madwar sitta jew sebgħa darbiet u kull darba kien ikun hemm sess orali fuq l-appellat.

Illi l-**Artikolu 204C (1) tal-Kodici Kriminali** huwa car:

> *Kull min jippartecipa fattivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin.*

Omissis 1 kellha biss ħmistax -il sena meta graw dawn l-atti. Apparti l-età illi digà minnha fiha taghmel persuna vulnerabbli sabiex wiehed joqghod ghal ċertu affarijiet, Omissis 1 dak iz-zmien kienet ukoll ġewwa l-ħabs taż-żgħażagħ u cioè il- CORRS. Dan ifisser illi hija kienet go post illi mhuwiex id-dar u għalhekk wiehed digà ma jhossux komdu u minflok ma sabet persuna illi lest li jagħtiha eżempju sabiex thares il-quddiem u tagħraf tirriforma lilha nnifisha, hija sabet lill-appellat illi abbuża minnha u kompla jgħaddasha aktar l-isfel.

Illi sabiex tiġi stabbilita il-kredibbilità tax-xhud, Omissis 1 giet mitluba mill- ispettur sabiex tagħti dettalji fuq l-appellat, liema dettalji il-vittma regghet hargithom fix-xhieda tagħha. Fil-fatt jekk wiehed ikollu jifli x-xhieda ta' Omissis 1 jinduna illi d-dettal f'tali xhieda huwa wiehed illi mhux kulhadd seta' jagħtih. Hija tispjega kif l-appellat għandu mpenġija fuq in-naħa ta'fuq ta' idejh isem it-tfal tiegħu u tgħid li tifla minnhom jisimha Omissis 1 bħalha. Meta rinfaċċjat fl-istqarrija tiegħu b'dan, 1-appellat kien pront irrisponda illi darba minnhom huwa kien liebes flokk daqsxejn

imqaċċat u kien hemmhekk illi l-vittma ratlu t-tpenġija. Minkejja dan, il-mod kif l-appellat jispjega li kien il-flokk, tali flokk ried ikun altru imqaċċat sew biex tara l-isem Omissis 1 mingħajr ma tara l-isem tat-tifla l-oħra tiegħu Amy, u dan għaliex filwaqt illi l- isem ta' Amy qiegħed fuq taht, l-isem ta' Omissis 1 qiegħed aktar il-fuq u għaldaqstant il-vittma biex tara l-isem Omissis 1 kellha bilfors tara wkoll l-isem Amy u mhux kif qal 1- appellat fl-istqarrija illi rat Omissis 1 biss għax qiegħed iżjed l-isfel mill-isem Amy.

Omissis 1 ma żvelatx biss dettalji fuq il-familja tal-appellat iżda wkoll fuq il- vetturi illi jsuq l-istess appellat. Rinfaċċjat bil-verżjoni ta' Omissis 1 waqt l-istqarrija tiegħu rigward x'tip ta' vetturi għandu, l-appellat jgħid illi għandu karozza tal-għamla Peugoet hamra, l-istess bħalma kienet qalet Omissis 1 meta mistoqsija mill- Pulizija tagħti xi dettalji fuq l-appellat. Mistoqsi wkoll jekk huwa għandux xi vettura tal-għamla Mercedes illi kien oriha lil Omissis 1 fuq il-mobile tiegħu, mobile tal-għamla Samsung u ta' lewn iswed, l-appellat, minkejja illi għall-bidu jinnega, wara ftit jgħid illi kellu Mercedes u biegħha. [1] Hawnhekk wieħed jista jistabilixxi l-kredibbilità tal-vittma illi minkejja li l-appellat jiċħad illi huwa qalilha dawn id-dettalji, hija kienet qed tgħid il-verità.

Dettal ieħor illi l-istess Omissis 1 saħansitra tgħaddi sabiex tirrileva rigward 1-appellat huwa d-ditta tal-qliezet ta' taħt illi kien juża l-istess appellat. Omissis 1 tgħid illi l-appellat jilbes qliezet ta' taħt tad-ditta Calvin Klein u Tommy Hilfiger u dan hija tafu għaliex rathom lebsin fuqu. Tgħid li taf ukoll illi l-appellat apparti illi jqaxxar is-suf t'idejh u saqajh, huwa jqaxxar ukoll is-suf tal-parti privata tiegħu. Dan juri illi l-livell ta' dettall illi żvelat din il-vittma ma setgħetx kienet tafu b'kumbinazzjoni iżda kellu bilfors ikun l-appellat illi juriha u jgħidilha.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll quddiem l-ewwel Qorti lil Nancy Scerri. Omissis 1 kienet għadha ma fethitx qalbha fuq l-aġir tal-appellat, iżda meta ġurnata minnhom

Nancy mill-Caritas akkumpanjatha il-Qorti tat-Tfal, Omissis 1 iltaqgħet ma' Khaled Tonna illi dawn it-tnejn tal-aħħar kienu ħbieb minn qabel ġew inkarċerati. Kien hemmhekk illi Nancy semgħet lil Omissis 1 u Khaled jitkellmu u mingħajr ma semmiet xejn u b'referenza għal persuna oħra li sa dak il-ħin Nancy ma kinitx taf min hu, staqsiha jekk kienx prova magħha. Nancy fix-xhieda tagħha spegat kif hija ma sfurzatx lil Omissis 1 u ħalliet lilha tigi għandha u tiftah qalbha. Filfatt kien waqt wahda mis- sessions illi Omissis 1 esprimiet ruħha ma' Nancy fuq il-fatt illi hija ma kinitx thossha sigurà l-ħabs u fetħet qalbha fuq l-agir inadegwat tal-appellat magħha. Għaldaqstant, wieħed jistaqsi u jidħol id-dubbju kif Khaled Tonna, li wkoll kien inkarċerat fil-CORRS imma fid-diviżjoni tal-irġiel, staqsa lil Omissis 1 jekk l-appellat kienx qatt aġixxa b'mod mhux xieraq magħha, meta Omissis 1 qatt ma kienet semmitlu xejn u kienet ilha ma tara lill-istess Khaled minn qabel daħħlu l-CORRS u cioè qabel l-akkużi mertu ta' dan il-kaz.

Fir-rigward tat-tieni vittma u cioè Omissis 2 Omissis 2, din xehdet kif hija wkoll sfat iffastidjatha diversi drabi mill-appellat fejn kien jgħaddilha kummenti fuq gisimha u jitkellem doppju sens. Għal darb' oħra, wieħed jerġà jara lill-appellat jabbuża mill-istat vulnerabbli illi l-vittmi kienu jkunu fih. Fir-rigward ta' Omissis 2 Omissis 2, hija xehdet quddiem l-Ewwel Qorti kif meta daħħlet il-CORRS hija ma kelliex permess ta' sigaretti. Hija tispjega kif għal diversi drabi, hija talbitu jagħtiha lighter u darba fost l-oħrajn l- appellat gabilha lighter waqt li kienet qed tinħasel u staqsiha biex torih sidirha u hija qaltlu čar u tond biex joħrog. Fil-fatt Omissis 2 inqabdet bil-lighter ftit wara, waqt li kienet qed tinhasel fix-showers li hemm fid-diviżjoni tal-irġiel u l-gwardjana waqt li qiegħda wara l-bieb tistenniha tlesti, semgħet din l-istess lighter taqa' mal-art. Għaldaqstant, hawnhekk l-appellat uża l-istat vulnerabbli illi l-vittma kienet tinsab fih minħabba illi kienet mingħajr sigaretti sabiex jilħaq l-għan tiegħu u jaralha sidirha.

Dawn l-atti wasslu lil Omissis 2biex tingħalaq fiha innifisha u saħansitra anke bdiet ma tmurx tinhasel u toqgħod fic-cella. Wiehed ta' min iqis illi Omissis 2fix-xhieda

tagħha tgħid li fl-età ta' ħames snin hija kienet giet abbużatha u allura din l-esperjenza halliet impatt negattiv kbir fuq l-istess Omissis 2. Xhieda ta' din il-bidla f'Omissis 2 hija l- gwardjana WCO 32 Claire Deguara fejn fix-xhieda tagħha l-istess Uffiċjala qalet hekk:

> *"X'hin inkun magħha xogħol bdiet sejra tgħidli "Ejja ħdejja". Il-ħin kollu u jien għedtilha "x'inhu jiġrilek?"Għax jien qatt ma mort magħhom jonxru l-ħwejjeg jew hin kollu tridni ħdejha. Qaltli "Nixtieq inkellmek". Ghedtilha "Ejja hdejja". Qaltli "Għax darba kont qed niehu shower, ġie s-sir Joey għadda mill-biebe ta' wara, imbotta l-bieb" u qallha biex tikxifhomlu."*

Illi Omissis 2tiddeskrivi lill-istess Uffiċjala Claire Deguara bħala:

> *"qisha ommi, tirrispettani qisha ommi- bdiet tinduna għax tafni".*

Kien għalhekk illi Omissis 2 għażlet illi tiftaħ qalbha mal-Uffiċjala u mhux tagħmel rapport għaliex hija kienet thoss illi lill-Uffiċjala setgħet tafdaha.

Dettal ieħor ta' min jinnota huwa l-fatt illi minn mindu graw dawn l-atti Omissis 2ma baqgħetx aktar thossha sigura tinhasel fis-showers tan-nisa u wara li bdiet ma tinhasilx, hija kienet bdiet tmur tinhasel fix-showers tal-irġiel waqt li dawn tal-aħħar kienu jkunu magħluqin fiċ-ċellel tagħhom, u l-gwardjana kienet toqgħodilha għassa sakemm tlesti. Hawnhekk wiehed ikompli jikkonferma kemm il-vittma Omissis 2kienet tafda lill-uffiċjala.

Meta mistoqsija jekk il-gwardjani nisa qatt rawx xi ħaġa, huma fix-xhieda tagħhom jirrispondu fin-negattiv, iżda l-gwardjani ma setgħux jaraw xejn u dan għaliex kemm Omissis 1 u kemm Omissis 2fix-xhieda rispettiva tagħhom jgħidu illi meta l-appellat kien jiġi fid-division tagħhom għaliex jkunu sejjħulu l-gwardjani minħabba xi tiswijiet

neċessarji, huwa kien jgħaddi mill-bieb li suppost jgħaddi u cioè l-entratura mmarkatha bl-ittra 'C' fuq it-tpenġija nserita fl-atti a fol. 15, iżda meta l-appellat ried jidħol mingħajr ma jarawh il-gwardjani, huwa kien jidħol mill-entratura mmarkatha bl-ittra 'F' fuq l-istess tpenġija msemmija aktar il-fuq, mil-liema entratura wieħed mill-ewwel isib ix-showers. Minkejja illi l-appellat kien jaf illi l-entratura mmarkatha bl-ittra 'F' ma setgħax jużaha, huwa ma kellu bżonn lil ħadd jiftaħlu u dan għaliex l-appellat bħala l-Uffiċjal inkarigat mill-maintenance, huwa kellu iċ-ċwievet ta' kullimkien bħalma jikkonferma l-appellat stess kemm fl-istqarrija u kif ukoll fix-xhieda tiegħu. Hawnhekk joħroġ illi l-appellat kellu l-aċċess, dettal ieħor illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in konsiderazzjoni.

Illi punt rigward l-impjieg tal-appellat, huwa kien impjegat bħala uffiċjal inkarigat mill-*maintenance.* Huwa jispjega kif hu ma kellux għaliex ikun fid-diviżjoni tan-nisa jekk mhux għax iċemplulu l-gwardjani rigward xi ħsarat li jkun hemm bżonn jagħmel. L-appellat jispjega kif sabiex jidħol fid-diviżjoni tan-nisa hu kellu jsegwi proċedura. Din il-proċedura kienet tibda billi jirċievi telefonata rigward xi ħsarat. Imbagħad l-appellat kien iċempel qabel imur sabiex jara li jista jidħol u fl-aħħar jgħidilhom jifthulu jew inkella jiftaħ hu. Waqt dawn it-tiswijiet huwa jgħid li dejjem kien ikun hemm xi Uffiċjala preżenti miegħu. Minkejja dan, il-vittmi xehdu kif meta kienu jseħħu l-atti msemmija ma kienx ikun hemm gwardjani miegħu u għaldaqstant l-appellat ma qalx il-verità meta qal li kien jidħol biss meta jċemplulu għat-tiswijiet.

Dettal fundamentali illi d-difiża quddiem l-Ewwel Qorti pruvat taqbad miegħu u ddaħħal id-dubbju dwaru huwa ż-żmien illi fih iż-żewġ vittmi u cioè Omissis 1 u Omissis 2kienu ġewwa l-faċilità tal-CORRS. Jekk wieħed jara r-rekordji ppreżentati minn Helenio Galea quddiem l-ewwel Qorti, liema rekordji huma mmarkati bħala DOK HG 1 u DOK HG 2 a fol. 246 u fol. 247 tal-atti proċesswali, jara illi dawn iż-żewġ priġunieri fi żmien l-akkużi u wara, jiġifieri meta dahal ir-rapport u eventwalment l-appellat tressaq il-Qorti, ma kienux fil-Faċilita' flimkien u għaldaqstant wieħed żgur ma jistax jgħid li dawn setgħu ftehmu bejnithom u vvintaw din l-istorja.

Illi fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti jissemma li Omissis 1 għandha certu ħażen ġewwa fiha minħabba episodju izolat illi ġara ġewwa l-faċilità tal-CORRS. Dakinhar tal-inċident imsemmi, Omissis 1 ma riditx tidħol fiċ-ċella minħabba illi riedet sigarett ieħor. Kien hemmhekk illi l-gwardjana talbet l-assistenza ta' gwardjani oħra li inzertaw tas-sess maskili, Omissis 1 baqgħet tinsisti biex ma tidħolx u ntqal xi kliem min-naħa tagħha. Iżda wieħed irid jara l-istampa kollha, Omissis 1 kellha passat ta' sustanzi, waqt li kienet il-CORRS hija kienet qed tirkupra minn dan il-vizzju u fl-umli fehma tal-appellant, li wieħed jeħles minn vizzju hija triq twila u diffiċli u dan ifisser illi dakinhar tal-inċident Omissis 1 setgħet irreaġixxiet b'dak il- mod minħabba effetti li wieħed jesperjenza meta jkun qed jaqtà s-sustanzi. Barra minn hekk, il-karattru ta' persuna żgur li ma jistax jiġi iggudikat fuq incident wieħed u aktar minn hekk li l-ħtija o meno tal-appellat tigi ġġudikata fuq ftit kliem illi l-vittma qalet f'episodju wieħed ta' rabja. Anke il-fatt illi l-ebda waħda mill-vittmi ma ressqet biex tirraporta iżda sempliċiment fetħu qalbhom ma' nies li jafdaw, hawnhekk toħroġ biċ-ċar il-vulnerabbiltà ta' dawn il-vittmi.

Illi l-ġurisprudenza tisħaqq illi:

> '*Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalità, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*'

Fil-fatt dan il-prinċipju huwa rifless ukoll **fl-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali**, li jgħid li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.

Fil-każ odjern, mhux talli kien hemm xhud li kienet il-vittma u li tat ix-xhieda tagħha, talli kien hemm żewġ vittmi, li t-tnejn li huma fetħu qalbhom ma' persuni illi huma kienu jafdaw u jħossuhom siguri magħhom u baqgħu iżommu ma' din il-verżjoni sal-aħhar. Wieħed jistaqsi, li kieku dawn kienu verament qed jigdbu, għaliex baqgħu jakkużaw biss lill-appellat u mhux uffiċjali irġiel oħra ukoll stante li kif qal l-appellat kien hemm iktar uffiċjali irġiel illi kienu jidħlu fid-diviżjoni tan-nisa waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Illi di piú, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta għamlet l-apprezzament tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u lliberat lill-appellat minn kull akkuża u dan għaliex hekk kif premess aktar 'l fuq, u hekk kif ser jiġi trattat waqt l-appell odjern, l-ewwel Qorti kellha provi biżżejjed, li kellhom jilħqu l-oneru tal-provi rikjest fil-kamp kriminali, liema prinċipju ġie spjegat minn Lord Denning fil-każ Miller v. Minister of Pension u spjega li:

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell fis-seduta tat-8 ta' Frar 2024 meta din il-kawza giet imħallija ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi l-Avukat Generali jgħid fir-rikors tal-appell tiegħu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi imresqa u dan għaliex a bażi ta' l-istess l-ewwel Qorti messha sabet lill-appellat ħati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti tfakkar lill-Avukat Ġenerali l-funzjoni tagħha meta tiġi biex titratta appell

minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijeit **Il-Pulizija vs. William Mifsud** deċiża fid-29 ta Settembru, 2020.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal: -

> 'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994)

> tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għal konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u sa fejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-rtikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli talevidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt **l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali**, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> *id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix*

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive** Axiak, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed,** 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi,** 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone,** 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991

*konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif ġie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5],

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, ilProsekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

[6] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA

Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż Majid,[7] Lord Moses stqarr hekk : *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

---

[7] Ibid

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

*Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*

IIlli l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita

li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti: -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination"*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*".

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**<u>Ikkunsidrat: -</u>**

Illi għalhekk din il-qorti kellha tesamina bir-reqqa il-provi prodotti sabiex tara jekk tasalx għall-istss ġudizzju mogħti mill-ewwel Qorti.

L-**Ispettur Joseph Busuttil** xehed nhar l-14 ta' Novembru 2018 u esebixxa pjanta magħmula minnu free hand u li mhiex *to scale* ta' kif jidher il-post YOURS li jinsab l-Imtaħleb fejn allegatament seħħ dan l-abbuż u din ġiet mmarkata bħala Dok JB4[9]. Hemm indikat fejn huma iċ-ċellel, il-*washroom*, u s-*shower.*

**Omissis 1** xehdet nhar l-14 ta' Novembru 2018 qalet li fil-31 ta Jannar, 2018 għalqet ħmistax-il sena. Spjegat li kisret kundizzjoni imposta fid-digriet tal-bail tagħha għax kienet instabet barra wara il-ħinu spiċċat il-ħabs fil-YOURS l-Imtaħleb. Darba minnhom waqt li kienet qed tinħasel fil-YOURS mar Joseph Żammit u qallha '*x figure ghandek*' u hija weġbitu '*Ejj*' għax speċi inħasdet. Dan telaq 'l hemm għax ħaseb li kienet ġejja il-gwardjana iżda meta ra li ma kienx hemm il-gwardjana reġa mar u qallha '*il-lostra x'figure għandek*'. Qaltlu '*Thank you*' Tgħid li dak il-ħin ħarġilha il-parti tiegħu u qallha '*ejja gejja?*' Qalet li din ġrat iktar min nsitt darbiet jekk mhux seba'. Tgħid li kien dejjem jgħamel l-istess joħroġ il-parti privata tiegħu u jgħidilha '*ejja gejja*' u hija kienet tmur. Qalet li kienet għamlitlu *blow job* fejn is-shower. Iddiskriviet il-kamra u qalet li hemm parti fejn jonxru l-ħwejjeġ u hemm il-machine, bieb u machine żgħir f'dik il-kamra u wara hemm kuritur żgħir u jiġu is-showers u toilets. Dan seħħ x'kull okkażjoni. Darba minnhom tgħid li kienet bilqeda faċċata iċ-ċella numru 1 b'saqajha imtellgħin u mar dan Joey u qallha '*urini dak il-pastizz zghir li ghandek*' u hija urietulu. Imbagħad mar fejn iċ-ċella, marret fejn il-bieb taċ-ċella neżalha is-shorts u

[9] Pagna 15 tal-atti

daħħal subajgħ u qaltlu '*Hoy ieqaf*' iżda ma waqafx. Hija mmarkat fuq il-pjanta redatta mill-Ispettur Joseph Busuttil minn fenj kien jgħaddu biex ma tarahx il-gwardjana u mmarkat fejn kien imur biex jittantha. Qaletli hija iddeċidiet li titkellem meta marret il-Caritas għaliex waqt li kienet il-YOURS qalet li kienet tieħu d-drogi u għalhekk ma kellhiex emozzjonijiet. Meta kienet il-Caritas indunat li dak li kien ġara lilha kienet xi ħaġa kbira u kien għalhekk li tkellmet.

L-ewwel darba li tkellmet kien hemm Khaled Tonna ġewwa l-YOURS u staqsiha jekk Joey kien ipprova jagħmel magħha u hi qatlu biex jieqaf għax tistħi. Nancy il-Head tal Caritas semgħet xi ħaġa waqt li kienet f'session u qaltilha li ma tħosshiex safe il-ħabs u qaltilha għalfejn ma tħosshiex safe. Nancy imbagħad qalet lill-uffiċjal tal-probabtion u mexxew il-każ. Qalet li lanqas biss riedet tispiċċa b'dan il-każ għaliex l-akkużat għandu it-tfal u familja. Iżda minħabba dak li għaddiet u setgħu jgħaddu tfal oħra dehrilha li kien ikun aħjar li tirraporta dak li kien ġara. Wara li tkellmet ma' Nancy tkellmet mal-Probation Officer u mas-social worker Graziella Buhagiar u Maria Mifsud. Qalet li dan Joey kien jgħidilha li għandu l-boxers ta' Calvin Klein u ta' Tommy u dan tafu għax rathom. Tgħid li taf ukoll li jqaxxar il-parti tiegħu u kullimkien inkluż saqajh u idejh. Taf li għandu karozza Mercedes u Peugeot aħmar. Taf li għandu ukoll tattoo ta' warda f'idejh iżda ma tafx liema waħda u l-isem ta' Omissis 1 għal bintu. Qal li bintu hija tabiba, nurse jew xi avukata.

Mistoqsija jekk tafx xi ħaġa fuq Nicholetta tghid li taf li Nicholetta Padrione kienet waħda mill Moldova u kienu l-ħabs flimkien u kienu jħarsu hafna lejn xulxin u jagħmel eye contact bejnethom. Din kellha xi 18 jew 20. Taf li fetħet qalbha ukoll ma' Omissis 2 li taħdem il-YOURS waqt li kienet għadha hemm. Kien jgħidlha li lil Ms Vincianne gwardjana il-ħabs kienet iddejqu għax kienet tiffansjah u kienet toqgħod titkessaħ quddiemu. Qalet li kienet titlob lil Joey jġibilha is-sigaretti iżda qatt ma ħadilha. Murija l-monitor tgħaraf lil Joey bħala l-akkużat.

In kontro esami mistqosija x'każijiet għandha il-Qorti tgħid li għandha għaxra fuq serq ġlied u reati konnessi mal-pulizija. Il-YOURS tgħid li damet tlett xhur u marret il-Caritas biex issegwi programm. Meta xehdet tgħid li kienet qeda programm residenzjali.

**Omissis 2**xehdet nhar l-20 ta' Novembru, 2018 u stqarret li kienet ilha l-YOURS għal perijodu ta' xahrejn. Din kienet it-tielet darba tagħha. Lil Sir Joey tafu bhala l-handyman ta' hemmhekk u kien il-ħin kollu dieħel u ħiereġ mid-division tagħhom biex isewwi il-fan. Qalet li kien persuna li kienu jafdaw ħafna u kienet fil-fatt tgħinu tiżbogħ il-ħajt.

Ikkonfermat li lil Pulizija qaltilhom li darba minnhom kienet qed tinħasel u talbitu għal lighter. Qalet li ma kellhiex x'titlef u damet erbat ijiem titolbu l-lighter u dan daħal ħdejha meta kienet qed tinħasel biex jgħaddilha l-lighter. Dak il-ħin qallha *'mhux ser turini sidrek?* Dak il-ħin tgħid li inħasdet u taħa l-lighter u tefgħtha ma l-art u qaltlu 'oħroġ'. Tgħid li dan ħareġ. Spjegat ukoll li meta kien jgħaddi mid-division kollox kien doppju sens. Per eżempju tgħid li meta daħlet il-YOURS kienet irqiqa għax kienet tieħu l-ismack u l-coke u kien jgħidilha *' kemm ilek hawn kibrulek il-boobs'.* Spjega li kien daħal fit-tieni cublicle tan-nofs.

Qalet li ta' ħames snin kienet ġja ġiet stuprata u għalhekk ma ħasstihiex komda hemm ma' persuna li mingħaliha mod u kien ieħor. Qalet li kienet tafdah kien qisu missierha iżda ma ħassithiex safe. Lanqas ma riedet tara li tifla ta' tlettax-il sena u tiġi imwerwra. Qalet li hija għaddiet minnha u ma tridx li jgħadddi ħaddieħor minnha.

Spjegat li kienet tintefa fiċ-ċella u tissakkar hemm. Kien hemm uffiċċjal Ms Claire qisha ommha li tirrispettaha ħafna u din bdiet tinduna għax tafha u fetħet qalbha magħha u għajtet uffiċjala oħra. Spjegat li waqt li l-uffiċjal tan-nisa kienet toħdilha l-ikel Sir Joey kien jgħaddi minn bieb ieħor u jerġa jkellimha doppju sens. Hemm post minn ħdejn il-kċina li huma m'għandhomx aċċess għalih. Qalet li ma baqgħetx tinħasel fil-post għan nisa iżda bdiet tmur tinħasel f'tal-irġiel fejn kien hemm ilma sħun. Kien ikun hemm uffiċċjala wara l-bieb li jissakkar u ħadd ma kien jgħaddi minn hemm meta kienet tkun hemm hi. Murija l-pjanta esebita a fol. 15 u spjegat minn fejn kien jgħaddi Sir Joey.

Mistoqsija x'taf fuq Omissis 1tte Padurean tgħid li kienet ex priġuniera u kienet tinsab f'ċella ħdejha u meta kienet tara lil Sir Joey kienet tinħall. Taqbdu minn qaddu u ittieħ bewsa fuq ħaddejħ u morru lejn in-naħħt tas-shower. Tgħid li kien ikollha sigaretti Pall Mall li ma jidħlux il-ħabs u kellha ukoll mobile. Ma kienet tgħid xejn għaliex

peress li kienet taħt l-eta ma kienx ikollha permess tpejjep.  Tgħid li Sir Joey kien jgħidilha li kien iddivorzjat. Meta Omissis 1tta kienet il-YOURS Sir Joey qatt ma kien jidħol fuqha fix-shower. Bdiet tara għajn ħażina minnu meta telqu Omissis 1 u Omissis 1tta Padurean. Tgħid li Omissis 1 kienet ġja għarfitha b'xi ħaġa pero ma kienetix emnitha. Tgħid li qaltilha li kellu x'jaqsam magħha. Tiftakar li Omissis 1tta kienet qaltilha li Sir Joey kellu felula u xtaqet li jneħħiha u fil-fatt ġimgħa wara kien neħħiha.

Mistoqsija kif tħossha meta taraħ tgħid li kulħadd jiżbalja u ma toqgħodx tibża pero ma jħosshiex komda 100%.

Tispjega li kienu jmorru jinħaslu fid-division tal-irġiel għal ħabta tan-12.30 u dan kif jidħlu l-irġiel fiċ-ċella u l-uffiċċjala kienet tibqa wara l-biebu l-ebda uffiċċjal ieħor ma kien jidhol. Imbagħad kienu jgħidu 'miss lesti aħna' u tiftaħ u joħorġu. Meta Omissis 1tta, Anna u Omissis 1 kienu joħorġu sir Joey li għarfet bħala l-akkużat kien ikun fit-tieqa.

Kien hemm inċident ieħor tas-shower meta kienet qed tinħasel u waqgħetilha l-lighter u Ms Claire riditha u Sir Joey kien warajha u qallha tihielha u hemiżha. Din l-okkażjoni seħħet fis-showers tal-irġiel. Damet ma ittihielha u qaltilha li waqgħet fis-shaft iżda wara tthielha u Ms Claire qaltilha li min tahielha ried l-inkwiet għaliha. Spjegat li kienet qalet dan id-diskors lil Sir Randolph. Lis-Sir Saviour, lil Sir Bruno u lil Maggur Annabel. Qalet li lejliet kienu bagħtu għaliha id-depot u qalulha biex tgħid dak li kien minnu u reġgħet spejgatilhom minn dak li għaddiet. Qalet li l-Ispettur Joseph Busuttil pprepararha kif għandha tixhed. Tgħid li jafha għaliex kienet taħrab mill-istitut.

**WPC 010 Christine Segam** xehdet nhar l-20 ta' Novembru, 2018 u spjegat li nhar is-6 ta' Ottubru 2018 kienet xogħol ta bil-lejl. Meta daħlet għax-xoghol Omissis 2bdiet tallega li Sir Joey daħal fuqha fix-shower u taħa lighter u bdiet tallega ħafna affarijiet. Qaltilha li ma kienitx ser iżomm dawn l-affarijiet u għalhekk tkellmet mal-maġġur Schembri. Qaltilha li priġuniera Omissis 1 qaltilha li Sir Joey daħal fis-shower, għamel is-sess magħha u nieżel għal parti tiegħu. Qaltiha li ma emnithiex pero qaltilha 'għamilha lilu. Daħal fis-shower tani lighter u beda jgħidilha biex jara l-boobies.' Qaltilha li kien hemm żewġ barranin li anke mobiles tagħhom. Hija taħdem bil-lejl u lil Sir Joey qatt ma ratu hemmhekk pero taf min hu u għarfitu bħala l-akkużat.

Hija għalhekk ċemplet lil Maġġur Schembri fejn qatlu b'dak li kienet qed tallega Omissis 2 Omissis 2. Tgħid li bagħtu għaliha id-DG tal-ħabs u anke id-depot. Mistoqsija x'qaltilha eżatt tgħid li qaltilha li daħal fis-shower waqt li kienet qed tinħasel tan-nisa. Għalkemm ma kienetx taf li kienu qed jinħaslu hemm għax m'għandhomx ilma sħun u sa fejn taf hi kienu qed jinħaslu fis-showers tal-irġiel. Murija il-pjanta esebita a fol. 15 tindika fejn huma il-kamra tal-washroom, is-showers, il-bieb u l-kuritur. Qalet li hi qatt ma ħadithom jieħdu showers għaliex taħdem ta' bil-lejl biss.

**WX 032 Claire Deguara** u qalet li ilha taħdem dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar erba' snin. Qalet li l-pulizija kienu bagħtu għaliha u kellmuha fuq il-każ ta' Omissis 2priġuniera li qeda il-YOURS. Hija tkun ta' spiss magħha. Id-day tagħha tkun magħha fil-female division. Spjegat li fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2018 daħlet fis-shower għax Omissis 2 qaltilha li kienet lesta. Tgħid li kienu is-showers tal-irġiel meta hija toqgħod wara l-bieb u Omissis 2 tinħasel ġewwa u ssakkar il-bieb. Appena fetħet il-bieb taf li waqgħetilha lighter mill-but ta' wara. Dak il-ħin qaltilha li m'għandha xejn. Marru quddiem l-Assistant Manager Gordon Formosa għax ma riditx ittihielha. Bdiet tgħidilha li qed timmaġina imbagħad baqgħet sejra magħha fiċ-ċella u kompliet tgħidilha u Sir Joey mar warajha. Dan beda jgħidilha 'għattihielha' u tathielha. Staqsietha min fejn ġabitha u għall-ewwel ma riditx tgħidilha għall-ewwel qaltilha li ġabitha mill-Qorti lejliet għax kellha l-Qorti u baqgħu hekk. Għaddiet ġimgħa u meta daħlet għax-xogħol bdiet tgħidilha biex tmur ħdejha il-ħin kollu u staqsietha x'kien ġralha u qaltilha li tixtieq tkellimha. Qaltilha li darba minnhom kienet qed tieħu shower u mar is Sir Joey għadda mill-bieb ta' wara imbotta l-bieb u qallha biex tikxifhomlu. Qaltilha ukoll li kien hu li ta l-lighter ukoll. Qaltilha għalfejn qaltilha li ġabitha mill-Qorti. Dak il-ħin għajtet lil Sir Gordon biex tgħid kollox quddiemu u qalet l-istess ħaġa. Mistoqsija minn fejn jidħlu l-uffiċċjali irġiel biex imorru fis-section tan-nisa tgħid li jgħaddu mill-bieb tan-nofs tad-division. Tgħid li hemm bieb ieħor minn wara biex tmur ħdejn is-shoers tan-nisa pero minn hemm ma jgħaddux suppost. Qalet li minkejja dan Omissis 2 qaltilha li Sir Joey minn hemm għadda. Qalet li Sir Joey ġieli mar hemm għax-xogħol għal dak li ikun hemm bżonn. Hija dejjem ratu pero jgħaddi mill-bieb tan-nofs tad-division. Qalet li hi qatt ma rat għajn ħażina minnu. Tgħid ukoll

li Omissis 2 qaltilha li ma setgħetx tara lil Sir Joey press li jidħol minn wara. Tikkonferma li Sir Joey ikollu ċwievet.

Tgħid li ratha stramba meta bidlitilha il-versjoni ta kif ottjeniet il-lighter. Fil-fatt gidbitilha. Kienet ċemplet ukoll ill-Uffiċjala li kienet magħha il-Qorti lejliet u staqsietha jekk kien hemm xi ħadd li kien taha lighter. U qaltilha li hija ma tatha xejn pero ma kienetix magħha. Meta kienet tieħu shower fid-division tan-nisa ma kienitx toqgħod wara il-bieb tagħha. Meta jinħaslu fis-showers tal-irġiel toqgħod wara il-bieb tas-shower. Tikkonferma li kull meta Omissis 2 u Omissis 1 jieħdu shower fid-division tal-irġiel. Dejjem kien ikun hemm uffiċċjala magħhom. Tiċħad li kien possibli li jidħol xi ħadd u jgħamel xi att sesswali maħhom għaliex l-bieb kien ikun imsakkar bil-katnazz. Kienet tkun hemm hi tisma l-ilma nieżel u tistaqsihom jekk kienux lesti qatt ma semgħħet bieb jinfetah jew jingħalaq.

Mistoqsija kemm kienet ilha il-ħabs Omissis 2 tgħid li xi tlett xhur jew xahrejn. Tgħid li għandha tagħha ukoll ġieli ma tobdix għalkemm riċentement kienet ikkwitat xi ftit. Kienet anke tirrispondi. Tgħid li kienet magħhom anke żmien qabel is-sena ta' qabel. Fil-fatt kienet it-tielet darba li daħlet magħhom. Ġieli jgħatuha confinement ukoll bħal per eżempju joħdulha it-television u tibda tgħajjat u tgerger. Mistoqsija kemm kien hemm bogħod minn fejn huwa l-bieb tas-showers u kienet tkun hi u tgħid li hemm distanza ta' tul-awla.

Qalet li fix-xhur tax-xitwa dejjem jieħdu showers fid-division tal-irġiel għax tan-nisa ma kellhomx misħun. Għalhekk iktar jinħaslu fid-division tal-irġiel milli fid-division tan-nisa. Xi ħmisatax-il jum qabel is-sitwazzjoni tas-showers u cioe tal-ilma ittranġat. Il-bieb li jgħati għal kċina huwa tal-ħadid iżda jekk tiftħu bil-mod ma tisimgħux.

Tgħid li ilha taf lil Joey għal madwar erbgħa snin u kienet ilha taħdem il-Yours miegħu għal sena. Qatt ma semgħet xi allegazzjoni dwaru qabel din ta' Omissis 2. Tgħid li magħha dejjem mexa ta' raġel. Qatt ma semgħet il xi ħadd jgħid xi ħaġa dwaru jew jittantha.

Illi nhar is-16 ta' Lulju 2019 reġgħet xehdet meta dak iż-żmien kienet qed taħdem fil-female section tal-ħabs Raħal Ġdid. Mistoqsija jekk tax lil Omissis 1 tgħid li tafha bħala

inmate fid-division tal-YOURS fejn kienet stazzjonata qabel. Riċentement inqala' argument għalix hija intitolata għal tlett sigaretti u riedet iktar u qaltilha li ma tistax tieħu iktar u li kienet ser tgħamilha rapport. Bdiet tikkumedija magħhom biex ma tidħolx fiċ-ċella. Bdiet targumenta magħha u marru jgħinuha l-uffiċjali l-oħra fosthom CO 27 u CO 199. Qaltilhom *'ara ma tmissunix ghax naghmlilhom bhal m'ghamilt lis-Sir Joey.'* Qalet li dakinhar kienet hedditha bit-tfal li ma terġax tarhom. Qalet li għamlet rapport dwarha u spiċċaw quddiem il-Juvenile Court Santa Venera. Ikkonfermat li kienet aggressiva magħhom kienet irrabbjata. Dan kien minħabba inċident dwar sigaretti. Huma għandhom regoli li priġuniera tista tieħu a tlett sigaretti kuljum u kienet tqasamhomlha hi bil-ħin. Dakinhar kienet tathomlha. Iżda kien hemm priġuneiera oħra li kienet maġġorenni li setgħet tpejjep kemm trid u din Omissis 1 talbitha lighter u qaltilha li ma kienitx ser ittiha u bdiet tilatika magħha. Dakinhar anke bil-mejtin tagħha offendietha waqt li theddidha bit-tfal u bil-familja u lanqas ma ippretendiet li kellha isemmilha l-kollega tagħha l-imputat.

**WPC 186 Dorianne Tabone** xehdet nhar it-30 ta' Novembru 2018 u murija dok JH 3 s fol 9 tgħid li hemm envelope b'zewġ cds u cioe l-istatments tal-imputat Joseph Zammit li għarfet fl-awla. Tgħħid li kienet preżenti għall-istatment ta' nhar is-7 ta' Novembru 2018 flimkien mal-Ispettur Busuttil u l-imputat kien assistit minn avukat.

**Spettur Joseph Busuttil** xehed nhar it-8 ta Jannar 2019 u ppreżenta ċertifikat tat-twelid ta' Omissis 1 li ġie mmarkat bħala Dok AB2[10] u ċertifikat tat-twelid ta' Omissis 2li ġie mmarkat bħala Dok AB1[11].

Ix-xhud reġa xehed nhar it-8 ta' Ottubru 2019 u jgħid li Omissis 1 li kienet qeda l-YOURS kienet ġiet mibgħuta tagħmel Drug rehabilitation program San Blas u waqt li kienet hemm tkellmet ma' Nancy Scerri li hija co-ordinator u in segwitu din irraportat li kien hemm xi abbuż sesswali waqt li Omissis 1 kienet qeda l-YOURS. Qalet li din

[10] Fol. 76 tal-atti
[11] Fol. 75 tal-atti

Omissis 1 irraportat il-każ kemm lilha kif ukoll lil Grazielle Muscat li taħdem l-Appoġġ bħala social worker. Fil-fatt jgħid li fl-10 ta' Ottubru 2018 Nancy Scerri kienet qeda ma' Omissis 1 fil-Juvenile Court Santa Venera fejn ratha qed titkellem ma' xi ħadd ġewwa fil-waiting area u hemm qabdet xi ftit li kein qed jingħad u fehmet li kien hemm xi tip ta' abbuż għalkemm id-dettalji ma qabdithomx. Dik il-ġimgħa stess xi jumejn few tlett ijiem wara waqt li kienu qedin f'xi group therapy San Blas, Omissis 1 fetħet qalbha u bdiet tħossha imdejqa ħafna u bdiet targumenta u tgħid illi ma setgħetx tħossha safe imkien minħabba li kienet abbużata sesswalment meta kienet qeda ġewwa l-ħabs gewwa l-YOURS u dan peress li qaltlu li kienet għaddiet minn xi esperjenza ħażina meta kienet għadha żgħira u allura d-dar ma kienetix qed tħossha safe. Meta kienet qeda il-ħabs bdiet tgħid speċi hawnhekk suppost tkun safe u protetta u tirriabilita ruħha pero fil-fatt ma kienet safe xejn għaliex ġiet abbużata ukoll. Dan id-diskors qalitu waqt group therapy San Blas.

Qal li kellimha flimkien ma' Graziele Muscat u din għamlet dislosure magħhom u qaltilhom li dan l-abbuż ġara xi sitt darbiet ġewwa laundry room ġo Facilita Korrettiva tal-YOURS u ġox-showers. Kompliet tgħid illi kien hemm okkazzjoni oħra fejn kienet qeda bilqeda fuq siġġu u l-imputat taqsiha biex turih il-parti privata tagħha. Fil-fatt hi urietu l-parti privata tagħha u marret lejn il-kamra tas-sodda lejn iċ-ċella tagħha pero waqt li kienet sejra lejn iċ-ċella tagħha hu mar u missilha l-parti privata tagħha u daħħal subajgħ ġol-parti privata tagħha ukoll.

Minn investigazzjoni li għamlu rriżulta li dan Joseph Zammit seta kien għamel xi ħaġa simili lil Omissis 2li kienet ukoll minuri u l-YOURS u irriżulta li seta għamel l-istess ħaġa simili. Marru biex ikellmuha u bdew isaqsuha xi mistoqsijiet fuq din il-biċċa tax-xogħol u qaltilhom li kien ġralha xi ħaġa simili meta kienet qed tieħu shower għaliex Joseph Zammit kien għadda mill-bieb ta' wara u l-bieb ta' wara jiġi ezatt fejn hemm is-showers tal-minuri.

Joseph Żammit ġie investigat internament mill-ħabs fejn inħatar Bord iżda ma kienux irraportaw il-każ lill-pulizija għaliex fil-fehma tagħhom ma kienx hemm provi biżżejjed. Sadanitant Jospeh Zammit ġie transferred lejn il-Ħabs Kordin u ġie imħolli jaħdem biss ma' inmates irġiel biss. Qal li Joseph Zammit kien qisu l-handyman tal-

YOURS u għamel xogħol ta' manutenzzjoni u għalhekk kien ikollu ċ-ċwievet ta' kullimkien. Omissis 2 bdiet tirrfjuta li tieħu shower jekk ma tkunx akkumpanjata minn uffiċċjal female għax bdiet tibża li xi ħadd ser jgħamilha xi abbuż u dan ikkonfermah mal-uffiċċjali female li kien hemm.

Joseph Zammit ġie arrestat fis-6 ta' Novembru, 2018. Huwa ingħata id-drittijiet tiegħu fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu u mressaq il-Qorti nhar it-8 ta' Novembru, 2018. Ikkonferma li kien irrilaxxja żewġ stqarrijiet wara li ngħata it-twissijeit tiegħu li għaraf esebiti fl-atti. Għaraf il-pjanta esebita fl-atti a fol. 15 bħala dik magħmula minnu.

Ix-xhud reġa xehed nhar id-29 ta' Settembru, 2020 u mitlub jippreżenta rapport datat 9 ta' Jannar 2018 li jġib in-numru 7/P/96/2019 dan ġie mmarkat bħala Dok CP1. Jgħid li kien hu stess li pprintja ir-rapport. Dan hu l-istess rapport li kien ġie preżentat mix-xhud Spettur John Spiteri u mmarkat bħala Dok JS1.

**Nancy Scerri** xehdet nhar it-12 ta' Frar 2019 u kkonfermat li ilha taħdem il-Caritas għal dawn l-aħħar 28 sena u fil-preżent l-irwol tagħha hu li tieħu ħsieb il-programm tan-nisa fil-qasam ta' San Blas. Tgħid li saret taf lil Omissis 1 meta ġiet mitluba mill-aġenzija mill-Appoġġ sabiex jagħmlu assessment fuqha. Tgħid li marret darbtejn l-ewwel darba fit-13 ta' Awwwissu, u it-tieni darba fit-28 ta' Awwissu 2018 meta Omissis 1 talbet li tagħmel l-program mal-Caritas. Qalet li rat li kienet ftit motivata u xtaqet tbiddel il-ħajja tagħha fir-rigward tad-droga u fit-18 ta' Settembru, ħaduha l-program tal-Caritas. L-assessment sar ġewwa l-YOURS l-Imtaħleb. Fil-program kienet sejra tajjeb ħafna fil-bidu. Kienet tidher motivata anke biex taħdem fuq l-issues personali tagħha u anke ir-relazzjoni tagħha kemm ma' sħabha u anke mal-istaff kienet waħda ta' rispett.

Tiftakar li kienet akkompanjat lil Omissis 1 il-Juvenile Court fl-10 ta' Ottubru, wara nofsinhar għal ħabta tas-1. 30p.m u waqt li kienu fir-reception kien hemm ġuvnot li ma tafx min hu u semgħathom jitkellmu fuq l-fastidju ġol-ħabs u tiftakar li semgħet lil din il-persuna jgħidilha '*pprova mieghek?*' u taf li Omissis 1 wieġbitu '*ajma oqghod x'misthija*.' Indunat mill-body language tagħha li kienet skomda. Imbagħad qalet lil Omissis 1 biex tersaq lejha u l-affari waqfet hemmhekk.

Huma u sejrin fil-karozza tiftakar li staqsietha fuq xhiex kienu qed jitkellmu u qaltilha '*u dak*' qaltilha '*mhux dak il-mahmug Sir Joey dahal fuqi fis-shower*'. Indunat dak il-ħin li ma riditx titkellem u waqfet hemm. Hija ma sforzathiex titkellem u kienu waslu San Blas.

Fil-ġranet ta' wara kellha *individual sessions* magħha u reġgħet semmiet l-episodju meta kienet qeda fis-shower u daħal Sir Joey fuqha. Hi qaltlu '*oj*' u skond hu Sir Joey ħareġ pero reġa daħal u għadda kumment fuq il-figura tagħha. Qaltilha li kien hemm xi affarijiet oħra pero li ma kienitix lesta titkellem dwarhom. Qaltilha li ma setgħetx iżżomm din l-informazzjoni għaliha u li kellha tgħid lill-uffiċjal tal-probation tagħha Maria Mifsud dwar dan l-inċident.

Fid-29 Maria Mifsud marret tiltaqa' ma' Omissis 1 u din kelmitha fuq il-każ u flimkien mas-social worker tagħha ġabru iktar informazzjoni u ġiet infurmata li kienu ser jgħaddu l-każ lill-pulizija.

**Maria Mifsud** xehdet nhar it-12 ta' Frar 2019 fil-vesti tagħha ta' uffiċjal tal-Probation ta' Omissis 1. Spjegat li kienet ilha issegwi lil Omissis 1 għal madwar sena u nofs. Fid-29 ta Ottubru 2018 kienet irċeviet telefonata mingħand Nancy Scerri li hija l-head of program tan-nisa u qaltilha li xtaqet tkellimha. Din infurmatha li nhar l-10 ta' Ottubru 2018 meta kienet qed takkompanja lil Omissis 1 ġewwa il-Juvenile Court minħabba li kellha kawża hemmhekk semgħet lil Omissis 1 titkellem ma' ġuvni ieħor u dan il-ġuvni qallha 'ipprova miegħek' u Omissis 1 qaltlu 'aqtagħha x'mistħija'. Qishom kienu qed jagħmlu acċċenn għal meta Omissis 1 kienet qeda il-ħabs. Minħabba concern li kellha tlabet li tkellem li Omissis 1 fil-preżenza tas-social worker Graziella Buhagiar li jaħdmu flimkien magħha. Għalhekk fil-5 ta' Novembru, 2018 flimkien marru fil-program tan-nisa u tkellmu ma' Omissis 1. Din spjegatilhom li qisu l-perijdou ta' meta kienet il-ħabs fl-aħħar ta Lulju 2018 sat-18 ta' Settembru 2018 kien hemm ċertu sitwazzjonijiet. Bdiet tispejgalhom li kien hemm persuna bl-isem Sir Joey li għandu madwar 50 sena u li kien hemm ċertu fastidju. Min naħa tiegħu staqsiha għaliex kienet qed tirreferi. Qalet li meta kienet fis-shower kien mar fuqha u qallha '*mela m'ghetlix li kont qeda tinhasel*?' Kien hemm perijodu ieħor li Sir Joey kien għamel kumment fuq il-

figura tagħha u qallha *'il-Ostja x'figura ghandek'* u okkazjoni oħra meta kienet qed tonxor il-ħwejjeġ mar is- Sir Joey ħareġ il-parti tiegħu u qallha *'gejja?'* Fi kliemha stess qaltilha 'jien *inzilt nerdahulu u gabieli f'halqi.'* Staqsietha kemm kien hemm okkażżjonijiet u qaltilha li kien hemm madwar ħamsa jew sitta. Spjegatilha ukoll li kien hemm okkażżjoni oħra li kienet fiċ-ċella jew barra iċ-ċella u mar fuqha u qallha *'urhuli l-pastizz zghir tieghek.'* Qalet li dakinhar kien resqilha is-shorts u daħħal subajh fil-parti tagħha. Omissis 1 spjegat u qaltlu li kienet l-unika priġuniera tfajla imma l-aħħar ġurnata iltaqgħet ma' priġuniera oħra bl-isem ta' Omissis 2li ukoll kienet klijenta tagħhom ukoll u qaltilha *'Maria tista ticcekja naqra u tara jekk hux kollox ok lil Omissis 2?'* Dan għaliex jista jkun li għaddiet minn ċertu affarijiet ukoll. Ippruvat tara fejn kienu l-gwardjani nisa u rat li kienu wara l-grada. Spjegat li dawn l-abbużi kienu jseħħu fis-showers u fil-kamra fejn jonxru l-ħwejjeġ. Qalet li kien ikun hemm *blind corners* u għalhekk il-gwardjani nisa ma kienux ikunu jafx x'kien għaddej.

Huma għalhekk għajtu lil Nancy Scerri u qalulha li kellhom jinfurmaw lil pulizija u minn hemmhekk bdiet l-investigazzjoni.

**Graziella Buhagiar** xehdet nhar it-12 ta' Frar ,2019 u tgħid li kien ilha issegwi lil Omissis 1 minn Awwissu 2016 bħala ħaddiema soċjali fis-servizz tal-*Youths in Focus.* Qalet li wara kienet qed taħdem fis-serizz tal-protezzjoni tat-tfal. Spjegat li Maria Mifsud kienet kelmitha dwar fastidju li possibilmet sar ġewwa l-ħabs u tkellmu mal-minuri rigward dak li allegatament kien ġara. Għall-ewwel il-minuri ma riditx titkellem għax bdiet tibża li ser tiġi fl-inkwiet jew li ġġib lilu fl-inkwietu bdiet issemmi li kien fadalu biss ftit xhur tas-servizz u għalhekk ma xtaqitx li tagħmel ħsara pero ovjament huma obbligati li dawn l-affarijiet ma jistgħux iżommuhom għalihom u imbagħad bdiet tiftaħ qalbha u titkellem magħhom. Spjegat kif darba minnhom kienet għadha kemm ħarġet minn ġol shower u marret fid-division tagħha u dan Sir Joey mar ħdejha u qallha 'li *kieku kont naf li kont fis-shower kont nghaddi minn hemmhekk'*. It-tieni inċident fejn hi ukoll kienet qed tinħasel u hu daħal fuqha waqt li kienet qed tinħasel. Bdiet tgħajjar dak il-ħin u telaq iżda wara ftit reġa mar u għadda kumment dwar il-figura tagħha qaltlu grazzi u telqet minn hemm għax kienet qed tistħi. It-tielet darba

li semmiet kien meta kienu qed jaħslu l-ħwejjeġ u ħarġilha l-parti privata tiegħu u qalilha '*ejja gejja*' u fi kliem il-minuri stess dakinhar redgħatlu l-parti tiegħu u ġabilha f'ħalqha. Qalet li dan ġara xi ħames jew sitt darbiet oħra waqt li kienet tkun fis-showers. L-aħħar inċident kien meta kienet u fi kliemha stess qallha 'uriehuli l-pastizz żgħir tiegħek' Hi qalet li urietulu marret ħdejn il-bieb taċ-ċella u daħħal subajgħ fil-parti tagħha. Qaltlu biex jieqaf għax kienet qed tweġġa u telqet 'l hemm. Qalet li dakinhar il-gwardjana li kienet xogħol magħha kienet fit-toilet x'ħin ġara dan l-inċident.

Tgħid li Omissis 1 qaltilha li Zammit kellu tpinġija fuq idejh u kellu l-ismijiet taż-żewġ uliedu. Waħda minnhom jisimiha Omissis 1 u l-oħra taħdem ma' xi tabiba pero ma kienitx ċerta x'inhu xogħolha. Qalet li jilbes boxers u li l-parti tiegħu hija imqaxra. Fi kliemha stess '*kollox imqaxxar'*. Qalet li għandu Samsung u li ġieli uriha xi ritratti fuqu u li għandu karozza ħamra u li wara ix-xogħol iħobb jmur jixrob ma sħabu. Hija esebiet in-notamenti tagħha li ġew mmarkati bħala dok GB1.

**Randolph Spiteri, Chief Operations Officer il-ħabs** xehed nhar is-26 ta' Marzu, 2019 u qal li meta sema bl-allegazzjoijiet li kienu għaddejja fil-konfront tal-imputat infetħet inkjesta interna. Jaf li l-imputat kien jaħdem il-YOURS li jaqa' taħtu bħal parti mill-ħabs. Miegħħu fl-inkjesta kien hemm Mariella Camilleri, Nigel Bruno, Annabel Cauchi u Martin Schembri. Din ifetħet lejn l-aħħar ta' Ottubru, 2018 u malli semgħu li l-pulizija kienu qed jinvestigaw l-każ huma waqfu bl-inkjesta biex ma jintralċawx il-provi tal-pulizija. Jgħid li laħqu kelmu lil Omissis 2 u wara kelmu lill-ufficċjal.

Nhar it-30 ta' April 2019 reġa xehed u ippreżenta kopja tar-rapport tal-inkjesta interna li ġie mmarkat bħala Dok RS1[12].

**Gordon Formosa,** Assistant Correctional Officer il-Ħabs xehed nhar is-26 ta' Marzu 2019 jgħid li kien stazzjonat id-division YOURS l-Imtaħleb. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat jgħid li jafu. Mistoqsi jekk qatt irċieva xi ilment dwar l-imputat kemm dam jaħdem il-YOURS jgħid li qatt ma irċieva xi ilment dwaru. Meta sar jaf li l-imputat ġie trasferit lejn il-Ħabs Kordin kien staqsa ir-raġuni lil ta' fuqu u sar jaf li kien hemm

[12] Fol. 156 tal-atti

Inkjesta għaddejja. Dan kien madwar Ottubru 2018. Ma qalulux għaliex kien ġie transferred u dettalji dwar l-inkjesta ma ingħatax.

Ix-xhud reġa xehed nhar is-16 ta' Lulju 2019 u kkonferma li meta kien għadu qed jaħdem il-YOURS il-grad tiegħu kien ta' Assistant Correctional Manager. Fil-perijodu ta' bejn it-30 ta' Lulju 2019 u id-19 ta' Ottubru, 2019 kien stazzjonat il-YOURS u kien hemm bħala priġuniera Omissis 1 u Omissis 2 Omissis 2. CO 74 kien tradesman u kien inkarigat mit-trades, jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-Faċilita kemm tad-division tal-irġiel kif ukoll tan-nisa.

**Bernard Zarb** xehed nhar it-20 ta' April 2019 u mitlub jesebixxi employment history ta' Joseph Zammit ID card number 484566(M) li ġiet markata bħala Dok BZ1[13]. Dan l-istss dokument reġa ġie esebit minn Joseph Saliba nhar is-16 ta' Lulju 2019 mmarkat bhħala Dok JS1. [14]

**Mariella Camilleri** xehdet nhar it-30 ta' April 2019 u murija id-Dok RS1 tikkonferma l-kontenut tiegħu. Tgħid li kienet membru tal-Bord. Tgħid li konklużżjonijiet ma sarux peress li saru jafu li kien tressaq xi ħadd il-Qorti u għalhekk waqfu mill-inkarigu tagħhom. Qalet li kienu ġew mitluba jinvestigaw allegazzonijiet li saru fil-konfront ta' CO 74 fejn kien hemm allegazzjonijiet li priġuniera Omissis 2qalet li Sir Joey taħha lighter fuq talba biex tikxiflu sidirha.

**Nigel Bruno** xehed nhar it-20 ta' April 2019 u muri d-dokument markat bħala dok RS1 jgħid li dak hu rapport dwar allegazzjoni li wieħed mill-uffiċjali kellu x'jaqsam ma minorenni Omissis 2 Omissis 2. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq ir-rapport.

**Martin Schembri** xehed nhar it-20 ta' April 2019 u muri d-dokument RS1 jgħid li hu r-rapport li għamlu bħala Bord tal-inkjesta meta kienu ġew mitluba jinvestigaw lil minorenni Omissis 2u jieħdu l-verżjoni tagħha. Qal li l-Bord kien laħaq bagħat għal Omissis 2biex jinvestigaw l-allegazzjoni li għamlet fuq l-uffiċjal Joe Zammit li ukoll tagħhom il-verżjoni tiegħu. Jgħid li din Omissis 2 qaltilhom li meta kienet fis-shower dan Joe Zammit kien mar u qallha li kien ġabilha l-lighter. Sa fejn jaf hu ma kienx

[13] Fol. 154 tal-atti.
[14] Fol. 187 tal-atti

hemm xejn iktar. Fuq dan ir-rapport jgħaraf il-firma tiegħu. Lill-imputat jgħarfu bħala l-uffiċjal Joe Zammit. Qal li hu jaf lis-sur Zammit bħala persuna tal-affari tiegħu u beda jaħdem warajh. Qatt ma kellhom problemi bih u jagħmel kull xogħol li ttih jagħmel. Kienu ilhom jaħdmu flimkien għal madwar ħames snin.

**Annabel Cauchi** xehdet nhar it-30 ta' April ,20219 u murija d-dokument mmarkat bħala Dok RS1 tgħid li tgħarfu bħala ir-rapport dwar l-uffiċjal Joe Zammit dwar l-allegazzjoni li għamlet il-priġuniera Omissis 2fuqu. Huwa għaraf lill-imputat odjern bħala Joe Żammit il-persuna li bdew jinvestigaw. Mistoqsi jekk ħax xi notamenti meta xehdet Omissis 2jgid li ma ħax u ma jafx jekk u min ħa xi notamenti.

**Spettur Roxanne Tabone** xehdet nhar l-4 ta' Gunju 2019 u ppreżentat *mobile phone* ta' Joseph Żammit sabiex jittellgħu xi ritratti li ġew deleted għax iż-żewġ minuri bdew jgħidu li kien urihom ritratti li ma jidhrux fil-*mobile phone* meta ġie elevat. Il-mobile phone ġie mmarkat bħal dok RT.

**CO 199 Gordon Faiella** xehed nhar is-16 ta' Lulju 2019 u kkonferma li jaf lil Omissis 1 il-ħabs il YOURS. Jaf li riċentement kien inqala inċident fejn kienet involuta Omissis 1. Spjega li kien it-8 ta' Jannar 2019 għal ħabta tat-8.00 meta ġie imsejjaħ mill-uffiċjal għaliex Omissis 1 u Omissis 2 ma ridux jidħlu fiċ-ċella tagħhom. Malli daħal fid-division l-ewwel kelma qaltlu kien '*ara ma tmisnix ghax nghamillek bhas sir Joey, nitfek il-habs*'. Mistoqsi jekk jafx min hu Sir Joey jgħid li jafu għaliex kien jaħdem il-ħabs u dejjem sab għajnuna mingħandu. Mistoqsi jekk jafx xi ġralu Sir Joey jgħid li jaf għax sema mill-aħbarijiet. Qal li ma bdewx iħalluħ jagħmel xogħolu. Qal li Omissis 1 kienet aggressiva u nervuża ħafna fuq l-uffiċjali nisa u fuqhom u bdiet toffendihom. Tkellimhom b'mod baxx u tgħajjarhom '*f..il-mejtin*'. Bdiet tgħidilhom li tpattihielhom kollha u meta marru l-uffiċjali nisa biex idaħluha ġewwa ic-cella bdiet tagħti bis-sieq u bl-idejn. Huwa intervjena ġibidha minn idejha sa kemm jiflaħ lejn il-bieb taċ-ċella fil-preżenza tal-uffiċjali nisa u kien hemm sebgħa uffiċjal ieħor irġiel u bdiet takkużah li neżżaħha għarwiena. Appena tefawha fiċ-ċella waqgħet ma l-art u bdiet tinża l-flokk waħedha biex turi li kien hu li neżaħha. Qaltlu '*mur ara l-ahhar gurnata it-tfal tieghek ghax m'inti ser terga tarhom*'. Huwa imbagħad irraporta l-każ ġewwa l-għassa tar-Rabat. Kienu dehru l-Qorti u riedet twaqqa l-każ iżda ma rieditx taċċetta l-akkużi u għalhekk

komplew bil-każ. Mistoqsi jekk għamlitx rapport kontra tiegħu mal-pulizija li pprova jneżżaħha jgħid li sa fejn jaf hu le.

**CO 27 Silvio Bonavia** xehed nhar is-17 ta' Lulju, 2019 jgħid li jaħdem il-YOURS l-Imtaħleb u lil Omissis 1 jafha bħħala inmate. Spjega li nhar id-9 ta' Jannar 2019 għal ħabta tat-8. 15p.m ġew mgħajta mill-maġġur li hemm xi kommossjoni fin-naħa tal-female section. Mar flimkien ma' C0 199 u CO 32 fil-post u sabu lil Omissis 1 tgħajjar u tidgħi mal-uffiċjali nisa. Qal li kienet aggressiva ħafna u daret fuq CO 199 u qaltlu li jekk imissha tagħmillu bħal Sir Joe. Daret fuqu u qaltlu li taf x'ħobż jieklu. Jgħid li pprovaw idaħluha fiċ-ċella u kienet tant aggressiva li laqtet lil CO 32 ġo wiċċha u darba oħra f'saqajha. CO 199 mar mal-uffiċċjali nisa u daħluha iktar 'l ġewwa. Appena għamel hekk bdiet tgħajru li qed ineżżahha meta fil-fatt lanqas biss daħal fiċ-ċella għax ħalla f'idejn in-nisa biex jakkompanjawha 'l ġewwa. Bdiet toffendihom bil-mejtin u biex imorru jaraw lit-tfal għall-aħħar darba. Dan bdiet tgħidu lil kulħadd mhux lilu biss. Imbagħad marru jgħamlu rapport l-għassa tal-pulizija tar-Rabat u fetħu każ għal Qorti. Jikkonferma li l-ewwel kliem li qaltilhom kien li tagħmlilhom bħal Sir Joe. Huwa fehem li qed jiġi mhedded li jekk jersaq lejha tista tirrovinalu karriera kif ukoll il-ħajja privata tiegħu bħala raġel miżżewweġ u tal-familja. Mistoqsi għaliex inqala' l-inċident jgħid li hija bħala minuri tista tpejjep biss tlett sigaretti u riedet tpejjep iktar. Dan jafu għaliex meta daħlu Omissis 1 stess bdiet isemmi s-sigaretti u anke l-uffiċjali bdiet tgħidilha fil-presenza tagħhom li ma setgħetx tpejjep iktar.

**Spettur John Spiteri** xehed nhar it-28 ta' Jannar 2020 u ppreżenta rapport bin-numru 7P96 tas-sena 2019 li ġie mmarkat bħala Dok JS 1.[15] Dan jirrelata dwar inċident li seħħ nhar id-9 ta' Jannar 2018 ġewwa YOURS l-Imtaħleb, liema rapport sar minn CO 199 Bonavia, Gordon Failia u CO 27 Claire Deguara fil-kapaċita tagħhom ta' gwardjani fil-YOURS .

[15] Fol. 237 tal-atti.

**Helenio Galea** xehed nhar it-28 ta Jannar 2020 in rappresentanza tal-ħabs u ppreżenta dokument fir-rigward ta' Omissis 1 u Omissis 2li ġew mmarkati bħala Dok HG1[16] u HG2[17] dwar fejn kienu qegħdin il-ħabs f'liema division. Jaf ukoll li hemm xi każ pendent fil-konfront ta' Omissis 1 għax kienet attakkat uffiċjali tal-ħabs.

**PS 1500 Alfred Cutajar** xehed nhar is-27 ta' Ottubru, 2020 u spjega li nhar id-9 ta' Jannar 2018 kien stazzjonat l-għassa tal-pulizija tar-Rabat u għal ħabta tad-9. 00p.m kienu marru tlett gwardjani mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin tal-YOURS jagħmel rapport rigward ċertu Omissis 2 Omissis 1 fejn dina kienet qed tinsulenthom. Kull gwardjan ta l-versjoni tiegħu kif rapportat fl-okkorenza u jidher li kienu waslu biex l-priġunieri jidħlu fiċ-ċella rispettiva tagħhom u kien hemm madwar ħames priġunieri li ma riedux jidħlu fiċ-ċella. Jaf li nħarġu akkużi fil-konfront ta' Omissis 1. Dan ukoll ippreżenta kopa ta' l-istess rapport[18] mmarkat bħala Dok JS1 u JB1.

**Khaled Tonna** xehed nhar id-9 ta' Frar, 2021 u jgħid li għaraf lill-imputat bħala uffiċjal tal-YOURS għaliex kien għamel żmien residenti hemmhekk. Qal li huwa ħareġ mill-YOURS f'Settembru 2018 qabel ma bdew il-proċeduri odjerni. Qal li għamel erbgħa xhur il-YOURS u l-imputat kien jaħdem fil-maintenance. Meta ħareġ mill-ħabs l-imputat kien għadu jaħdem il-ħabs. Bħala inmate jiftakar li kien hemm Liam Debono. Qal li l-inmates nisa u irġiel qatt ma iltaqgħu flimkien ġewwa il-YOURS. Mistoqsi jekk jafx għaliex l-imputat kien tressaq il-Qorti jgħid li ma jafx.

**Spettur Romeo Degiorgio** xehed nhar it-2 ta' Lulju 2021 u kkonferma li l-imputat kien jaħdem bħala uffiċjal il-YOURS fix-xogħol tal-maintenance u sa fejn jaf hu aċċess kien ikollu għal kullimkien. Kellu l-*masters key* li jtuħ aċċess għal kullimkien. Jikkonferma li ċellel li kien hemm u l-imputat kellu mazz ċwievet li jiftħu dawn iċ-ċellel ukoll.

**WCO 32 Claire Deguara** xehdet nhar it-2 ta' Lulju, 2021 u qalet li l-ispettur tal-pulizija kien bagħat għaliha id-depot u staqsiha jekk kienitx taf dwar l-allegazzjonijiet li kien hemm fuq l-imputat. Tgħid lil-pulizija qalulha li Joey kien ittanta lil xi tfajla fis-shower.

[16] Fol. 266 tal-atti
[17] Fol. 267 tal-atti
[18] Dok AC1 fol. 275 tal-atti

Dan ma sarx quddiemha żgur u qatt ma staqsewha jekk dawn l-affarijiet isirux. Lanqas xi vittma ma qatt allega hekk magħha fuq l-imputat. Qalet li l-imputat kien kollega tagħha u qatt ma rat xejn irregolari fil-komportament tiegħu. Qatt ma raw għajn ħażina minnu la fir-rigward tal-uffiċjali u lanqas fir-rigward tal-priġunieri.

**WCO Carmen Abdilla** xehdet nhar it-2 ta Lulju 2021 u tgħid li taf lill-imputt bħala ex kollega tagħha u ġieli niżlet għax-xogħol miegħu għaliex mill-istess raħal. Tgħid li ma taf xejn dwar allegazzjoni fil-konfront tal-imputat Qatt ma rat xejn u l-priġunieri dejjem fil-preżeza tagħha ikunu. Jekk imorru it-toilet biex jinħaslu hija kienet tkun wara il-bieb tagħhom. Ħadd qatt mill-priġunieri ma qallha li kien hemm xi problema fil-konfront tal-imputat. Qatt ma ratu jiffastidja lil xi ħadd u żżid tgħid li kieku ratu jagħmel hekk ma kientix tinżel miegħu għax-xogħol.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti datat l-4 ta' Ġunju, 2019 meta ħatret lil Dr Stephen Farrugia Sacco biex jaċċessa d-*deleted files* tal-*mobile phone* li ġie esebit u mmarkat bħala dok RT1.

**Dr Stephen Farrugia Sacco** xehed nhar is-16 ta' Novembru, 2021 u ppreżenta ir-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala dok SFS 1.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti datat 2 ta' Lulju, 2021 meta ħatret lil Perit Elena Borg Costanzi sabiex tagħmel pjanta tal-YOURS ġewwa l-Imtaħleb u li in segwitu innominta lis-surveyor Kevin Camilleri sabiex jassistiha. Illi hija xehdet nhar is-16 ta' Diċembru, 2021 u esebiet ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala Dok EBC1[19] fejn hemm indikat is-sezzjoni tan-nisa u dik tal-irġiel.

Rat it-talba tad-difiża magħmula nhar it-13 ta' Mejju 2022 sabiex jitħejja social inquiry report liema talba ġiet milqugħa fl-istess seduta. Illi permezz ta' nota esebita fl-atti datata 17 ta' Mejju 2022 il-Qorti ġiet mgħarrfa li l l-uffiċjal tal-Probation nomiant għal dan il-għan kienet Antonella Debono.

Dr. **Lennox Vella** xehed nhar it-12 ta' Frar 2019 u ppreżenta traskrizzjoni tal-istatements tal-akkużat li ġew mmarkati bħala dok LV1 u LV 2. L-imputat għażel li

[19] Fol. 344 tal-atti

jixhed ukoll viva voce il-Qorti nhar it-13 ta' Mejju, 2022. Spjega li kien ilu jaħdem il-ħabs għal madwar 23 sena u kien jaħdem bħala uffiċċjal inkarigat mill-maintenance. Jiftakar li fis-6 ta' Novembru, 2018 kien bagħat għalih l-Ispettur biex jinvestigah. Jgħid li fl-Imtaħleb kien hemm il-priġunieri li kellhom inqas minn 25 sena. Kien hemm naħa tas-subien u naħa tan-nisa. Kif jidħol fin-naħa tal-irġiel filgħodu fil-guardroom tal-irġiel ikun hemm handover dwar il-maintenance. Ma kellhomx x'jaqsmu ma' tan-nisa. Meta jkun hemm xi xogħol li jrid jsir fin-naħa tan-nisa jċempel u meta jkun clear imur jgħamlu. Jgħid li nisa inmates kull ma laħaq kienet waħda jew tnejn. Jgħid li wara li jċempel il-guardroom tan-nisa u jtuħ l-go ahead kien imur pero mhux waħdu kien ikun fil-preżenza tal-uffiċjali nisa. Fis-sezzjoni tan-nisa ma tantx ikun hemm request iżda fis-sezzjoni tal-irġiel għax kienu ikunu full up. Qal li fis-sezzjoni tan-nisa f'dak iż-żmein li ġie investigat kien daħal xi darbtejn jew tlieta. Kien jgħaddi mill-bieb ta' ħdejn il-class rooms jew jgħaddi mill-bieb l-ieħor fejn għandu l-work shop u jgħidulu ok u jidħol wara li jkunu fetħulu l-gwardjani nisa. Qal li anke meta kien ikun qed jagħmel il-maintenance gwardjana mara kienet toqgħod ma ġenbu. Qal li relazzjoni mal-inmates ma kienx jkollu u jiċħad li qatt għamel xi ħaġa lil Omissis 2jew lil Omissis 1. Jiftakar li fis-sezzjoni tan-nisa ma kienx hemm misħun u għalhekk iddeċidew li meta jgħalqu lill-inmates irġiel itellgħu lin-nisa jinħaslu f'tal irġiel. Jgħid li l-gwardjana kienet toħodhom fis-showers biex jinħaslu hemm. Hemmhekk kienu jisħu xi sigarett għaliex ma tindunax li qed ipeju għaliex il-bieb ikun magħluq. Meta għalqet is-shower C032 qalet l il-priġuniera kienet waqgħet ilha xi lighter. Huwa kien naqra l-bogħod minnha iżda semagħha tfaqqa mal-art u x'ħin nħarġet bdew jgħafsuha biex itihom il-lighter lura u x'ħin staqsietha minn fejn ġabitha qalet li kienet ġiet mogħtija lilha minn persuna oħra fil-lock up tal-Belt. Huma għamlu rapport fuq dan l-inċident. Wara sar jaf li l-inmate Omissis 2 bidlet il-verżjoni tagħha u allegat li kienet ġiet mogħtija ilha minnu. Meta l-inmates qed jinħaslu huwa ma setax imur 'l hemm. Kienet tinfurmah l-gwardjana mara li tkun magħhom. Qal li kien ipejjep iżda kien waqaf ipejjep f'Jannar tas-sena 2016. Meta ma kienx jidħol xogħol hu kien ikun hemm irġiel oħra li jidħlu fis-sezzjoni tal-irġiel. Kien jidħol ukoll in-nurse u xi uffiċjal oħra għaliex xi naqra inkwiet kien ikollhom. Mistoqsi jekk għandux tpinġija jgħid li għandu. Kien għamilha fuq spaltu l-lemini fis-sena 2014 u sena wara iddeċieda li jgħamel oħra l-ismijiet tat-tfal fuq

in-naħa l-oħra ta' spaltu ix-xellu u dan fis-sena 2015. Dawk li għandu bħal tpinġija. Mistoqsi jekk jafx li kien hemm xi komunikazzjoni bejn irġiel u nisa inmates jgħid li darba kien irċieva telefonata mingħand Mariella Camilleri li qaltlu li kien hemm xi telefonata mill-ħabs ta' Raħal Ġdid għal YOURS pero dak iż-żmien kienu bla ID caller u ma setgħax jivverifika.

Mistoqsi jekk qatt tkellem fuq it-tpinġija mal-inmates nisa jgħid li le. Spjega li pero darba minnhom kien is-sajf u kien hemm xi ħsara fil-boiler tal-kitla tal-misħun u kellu flokk imqaċċat u għadda minn ħdejn il-guard room għax minn hemm kellu il-work shop u kien hemm WC32 u Omissis 1 qegħdin bilqeda fuq is-siġġijiet tal-plastik u kif kien hekk din Ms Claire qaltlu mela għandek tpinġija u qallha li kellu. Niżel mis-sellun u qallha li kellu miktub Omissis 1 u Amy. Qabżet Omissis 1 u qatlu għaliha u qallha le għat-tfal. Ms Claire qaltlu tqaxxar is-suf u qabżet Omissis 1 u qalet dawk kollox iqaxxru. Dak il-ħin qatgħu d-diskors u baqa' sejjer minn fejn kien ġej u Ms Claire ma tkellmet xejn.

Jgħid li jaf li-Omissis 1 tieħu xi mediċina u kemm il-darba inqabdet mingħajrħa għax iridu jipprovduha l-familja tagħha għax ma hemmx aċċess għaliha l-ħabs. Meta ma tieħux l-mediċina titlef il-kontroll saħansitra darba sar rapport li gidmet sider ta' uffiċċjala. Taqbad u tgħolli kollox minn quddiemha. Darba minnhom inqala każ meta marru jżommuha xi uffiċjali u qaltilhom biex iħalluha għax tgħamillhom kif għamlet lis-Sir Joey. Omissis 2 mhux imqarba daqs Omissis 1 iżda meta jkunu flimkien jgħamlu l-arja b'xulxin.

Darba minnhom kien daħal fis-sezzjoni tan-nisa għaliex Omissis 1 qalgħet pandimonju għax riedet iċċempel fis-sagħtejn u dak mhux ħin it-telefonati. Kollox bil-ħin isir fil-ħabs. Ipprova jkellimha bil-mod sa fejn tħallih iżda hi bla kontroll. F'dawn it-tip ta' interventi kien ikun hemm uffiċjala mara u xi erbgħa uffiċjali irġiel. Ġieli kien ikun hemm in-nurses. Fin-naħa tal-irġiel naturalment kien ikun hemm iktar inkwiet u ġieli kienu ikunu full up b'36 inmate. Meta l-uffiċjala mara kien ikollha bżonn tmur xi toilet kienet taqfel l-inmate fiċ-ċella u anke meta kienet tmur break min-12.30 sas-2.00p.m. L-uffiċjala tibqa' hemm imma l-priġuniera tkun mgħaluqa.

Jgħid li ġieli tkellem mal-inmates nisa Omissis 2 u Omissis 1 pero fil-presenza tal-gwardjana mara u mhux waħdu magħhom u mhux ser jagħmel xi sagħtejn jitkellem magħhom lanqas. Mistoqsi kif Omissis 1 kienet taf fuq il-Mercedes tiegħu jgħid li ma jafx għaliex kien ilu li biegħha. Dak iż-żmien tar-rapport ma kellux Mercedes. Jgħid li ritratt tal-Mercedes seta kien fuq il-mobile tiegħu kien għamel żmien fuq il-*wall* tal-mobile. Qal li fuq il-mobile kellu ritratti ta' din il-karozza li kien biegħ żmien qabel pero ma jafx kif it-tfajliet kienu jafu li kellu din il-karozza.

L-**Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss** xehdet nhar l-10 ta' Ottubru, 2022 u ppreżentat kopja tas-social inquiry report li ġie mmarkat bħala dok OVB1[20]. Ikkonfermat li l-imputat ikkopera bi sħieħ magħha matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport. Hemm fatturi posittivi ħafna rigward l-ħajja familjari u soċjali tiegħu. Huwa imdawwar b'support minn diversi persuni b'mod partikolari mill-familja tiegħu. Ġew mitkellma ukoll iż-żewġ vittmi. Omissis 1 kienet qed isservi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mid-droga u d-diriġenti tal-program ma ħassewx li kien il-mument idoneju li tintervistaha proprju minħabba l-proċess tal-program. Omissis 2qalet li ma kellhiex xi żżid iktar max-xhieda li tat ġewwa l-Qorti. Minħabba dan il-każ l-imputat jinsab sospiż mix-xogħol. Tħoss li hemm bżonn li ikun hemm assessjar minn xi psikologa biex jekk hemm xi problemi li forsi ma ġewx indikati fir-rapport ikunu jistgħu jiġu indirizzati u jkun jista jaħdem fuqhom.

L-Ispettur John Spiteri xehed in difesa nhar it-20 ta' Jannar 2023 u esebixxa kopja tal-fedina penali ta' Omissis 2u Omissis 1 li ġew markati bħala dok JS1[21] u JS2[22].

**Helenio Galea** xehed nhar it-20 ta' Jannar, 2023 u ippreżenta kopja tar-records ta' Omissis 1 u Omissis 2 fil-ħabs u dawn ġew mmarkati bħala dok HGHG2.

**Alison Vassallo** xehdet nhar it-30 ta' Jannar 2023 u tgħid li kienet taħdem bħala uffiċjala korrettiva tieħu ħsieb id-division tan-nisa inmates li kien hemm dak iż-żmien partikolarment Omissis 1 u Omissis 2 Omissis 2. Tgħid li kienu nisa imqarbin kien ikollhom ħafna ġlied magħhom tant li ġieli ħebbew għalihom ukoll. Din kienet tiġri

[20] Fol. 383 tal-atti
[21] Fol. 406 tal-atti
[22] Fol. 417 tal-atti

ta spiss. Meta kienu jikkoreġuhom għax ma kinux jagħmlu xi ħaġa tajba kienu ikelmuhom b'mod abbusiv jiġifieri joffenduhom u ikelmuhom pastaż u isemmulhom il-mejtin tagħhom. L-imputat kien uffiċċjal eżemplari u tgħallmet ħafna mingħandu. Kien anke jidderiġieha fejn ma kienetix taf. Meta kienet tkun man-nisa u kien ikun hemm bżonn xi maintenace kienet iċempillu per eżempju ikun instadd it-toilet u dejjem kien imur u jċemplilha qabel ma jidħol fid-division. Kienet iċċempel lil guardroom u kienu jibgħatu lilu. Kien iċemplilha qabel u igħidilha li ikun ser jidħol minn naħa tan-nisa. Hija qatt ma ħalliet lil Joe ma xi inmate waħedhom żgur li le tgħid. Kien hemm protocol li uffiċjal raġel ma setgħax joqgħod ma inmate mara. Qatt ma rat għajn ħażina mingħand l-imputat Tikkonferma li mhux dejjem kienu jkunu detailed flimkien.

**Antonia Zammit** xehdet nhar it-20 ta' Jannar, 2023 u kkonfermat li żewġha l-imputat kien ilu li qata' il-vizzju tat-tipjip sa minn Jannar, 2016. Dwar ħwejjeġ ta' taħt tgħid li tixtrihomlu hi jew tal-Primark jew tal-Lidl għax dawk iħobb. Dwar tattoos tgħid li żewġha l-ewwel għamel waħda graphic u wara għamel isem tal-bniet tagħhom u dawn saru fis-snin 2014 u 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Joseph Zammit preżentata nhar l-24 ta' April 2023.

**Ikkunsidrat.**

Illi f'din il-kawża l-prosekuzzjoni għoġobha tibbaża l-każ tagħha fuq ix-xhieda ta' Omissis 1 u Omissis 2 Omissis 2, liema xhieda ma hi korroborata minn l-ebda xhud ieħor salv dawk ix-xhieda li irrepetew dak li ġie mistqar lilhom mill-allegati vittmi. Għalhekk xhieda indipendenti ta dak li suppost seħħ ma hemmx. Filwaqt li d-difiża reqet lill-imputat jixhed minnkejja li ta' żewġ stqarrijiet eżawrijenti fejn ċaħad dak li ġie allegat fil-konfront tiegħu. Huwa ressaq in difesa tiegħu xhieda li lkoll qalu li l-imputat huwa persuna tal-affari tiegħu u li qatt ma raw għajn ħażina mingħandu. In oltre stqarrew ukoll il-gwardjani nisa li huma kienu jkunu għassa mat-tfajliet f'kull ħin tal-ġurnata u li l-imputat ma kienx jitħalla qatt joqgħod waħdu magħhom. Għalhekk

din il-Qorti tasal biex tgħid li jew l-imputat qed jigdeb jew l-allegati vittmi qed jigbdu pero waħda mill-partijiet żgur li mhux qed tgħid il-verita.

L-prosekuzzjoni tallega li hemm xhieda korroborattiva billi hemm xhieda indizzjajra li għandhom iwasslu il-Qorti temmen il-versjoni tal-vittma. Per eżempju tgħid kif jista' ikun li l-vittma Omissis 1 taf li l-imputat kellu tattoos fuq dirajgħ it-tnejn jekk mhux għax ratu urihomlha minħabba il-kunfidenza li kellu. L-imputat pero jgħati spjega dwar dan u jgħid li darba minnhom kien is-sajf u kienet is-sħana u kien liebes flok imqaxxar u kien għadda minn quddiemha Omissis 1 meta kienet ma' Ms Claire u għalhekk setgħet rathom. Din hija prova plawsibbli u għalhekk ma jistax jingħad li dik il-prova ut sic hija prova univoka li għandha twassal lil Qorti sabiex temmen li kien l-imputat li wera dawn it-tattoos lil Omissis 1.

Fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni fost l-oħrajn ressqet lill-allegat vittmi jixhdu u jispjegaw meta huma kienu residenti fil-YOURS, uffiċjali tal-Pulizija u gwardjani tal-ħabs illi investigaw ir-rapport ta' Omissis 2 u Omissis 1 u esperti oħra nominati mill-Qorti.

Illi fl-ewwel lok jingħad illi l-appellanti m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, iżda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi, w cioe beyond reasonable doubt.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-appellanti huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890: -

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero' huwa veru

wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker</u>**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jiġi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, waqt li d-difiża trid tipprova d-difiża tagħha fuq bażi ta' probabilita'. Illi minn eżami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-każ odjern jirriżulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'verżjonijiet differenti tal-fatti, għal kollox kunfliġġenti. Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu dawn għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer,</u>** fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ **<u>Miller v Minister of Pension</u>** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn ġie spjegat x'jiġri meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti u cioe' jistgħu jiġru żewġ affarijiet u cioe jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timporta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għal piena jew għal xi provvediment ieħor.

Illi inoltre jiġi rilevat illi l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analiżi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jiġi rilevat illi l-Qrati Maltin b'diversi sentenzi saħqu illi sabiex Qorti issib ħtija fl-imputat fuq provi indizzjarji, kull ċirkostanza trid twassal għall-istess konklużjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.

Fil-każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit** mogħtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imħallef illi kien qiegħed jippresjedi l-ġuri li tenna s-segwenti:

> *"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial evidence. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et** mogħtija nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:

> *Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.*

Joħroġ ċar mill-ġurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar iżjed minn possibilita' waħda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab ħtija f'dak l-imputat stante' illi il-provi ċirkostanzjali iridu jwasslu għall-konkluzzjoni waħda biss kif ġie ritenut fil-kawża bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*"Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*

Dan ġie ritenut ukoll fil-kawża bl-ismijiet **The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*"It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive."*

Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Kyle Stone** nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*"Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "& works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."*

Illi f'dan l-istadju wkoll issir referenza għall-kawża bl-ismijiet **<u>ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Inoltre fil-kawża bl-ismijiet **<u>Pulizija vs Paul Grech</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:

> *"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."*

Finalment fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **<u>ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada</u>** datata l-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi:

> *"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".*

Illi ġuristi Ingliżi bhal per eżempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) daħlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita` u qal is-segwenti:

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi l-Qorti tirrileva illi mhux kull prova ċirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'saħħitha. Għandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-ġudikant li jiżen kull biċċ ta' evidenza miġjuba fil-proċeduri biex tiġi għal konklużjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-każ tagħha oltre d-dubju raġjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi ċirkostanzjali waħedhom, f'ċerti każijiet, jista' jkun hemm ħtija. Illi l-ġudikant għandu jkollu s-serħan tal-moħħ li anke jekk ikollu prova ċirkostanzjali waħda, dina għandha tkun biżżejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Jingħad li l-imputat dejjem ċaħad kul allegazzjoni li saret fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti bħall-ewwel Qorti tgħid li l-prosekuzzjoni naqset meta ma staqsitx lill-imputat waqt li kien fuq il-pedana ta-xhieda domandi dwar l-allegat ħbiberija li huwa kellu ma dik it-tfjala barranija u dan sabiex jekk xejn ixejjen il-karattru li sħabu iddiskrevew bħala wieħed serju. Jingħad li l-imputat ressaq xhieda bħala character reference li ikoll qalu kemm kien serju l-imputat fuq ix-xogħol u li kien jaħdem bieżel. Ikkonfermaw dak li qal l-imputat li ma kienx imur fid-diviżjoni tan-nisa qabel ma jċempel lil gwardjana mara u jgħidilha li kien dieħel. Jgħidu ukoll li kienu jkunu għassa mal-

inmates il-ħin kollu u l-imptuat fl-ebda ħin ma kien jitħalla waħdu mal-inmates nisa. Kien hemm gwardjana saħansitra anke tgħid li kienet tinżel għax-xogħol miegħu fil-vettura u qatt ma rat għajn ħażina min għandu.

Omissis 1 tgħid li l-fastidju seħħ fil-kamra tal-washroom. Issa jirriżulta mill-pjanta redatta mill-espert nominat mill-Qorti Perit Elena Borg Costanzi li kien hemm diversi cameras tas-sigurta u għalhekk din il-Qorti tistaqsi għaliex il-prosekuzzjoni ma ippreżentaw l-ebda filmat.

Jingħad li Omissis 1 kellha ukoll ġlieda ġewwa l-YOURS fid-9 ta' Jannar 2019 ftit wara li kienet għamlet dan ir-rapport u din qalet lil gwardjani irġiel li kienu qed jipprovaw idaħluha fiċ-ċella li jekk imissuha kienet ser tgħamillhom kif għamlet lil sir Joey u għalhekk ifisser li kienet konxja tal-fatt li r-rapport li għamlet kontra l-imputat kien wieħed inveritier. Jingħad ukoll kif stqar il-gwardjan maskili li meta ipprova jdaħħalha fiċ-ċella neħħiet it-top u bdiet tallega li kien l-fizzjal li neħħiulha u dan sabeix taqlalu l-inkwiet. Dan kollu juri l-karattru tagħha u ċioe li ma tiddejjaqx idaħħal n-nies fl-inkwiet. U takkużhom b'fatti li m'humiex veri.

L-prosekuzzjoni fuq talba tad-difiża talbet li jiġu depositati l-fedini penali tal-allegati vittmi u minn esami tal-istess jirriżulta li it-tnejn li huma ma kienux novelli għal Qorti tant li it-tnejn li huma għandhom diversi reati reġistrati fuq il-fedini minkejja l-eta tenera li kellhom. Dan ukoll isaħħah it-tesi tad-difiża li ma kienux ser jiddejqu jiffabrikaw storja fil-konfront ta' persuna li kienet innoċenti u dan bħala forma ta' revenge. Jingħad li f'dan il-każ kif stqarret Brigonene stess hija riedet tpejjep u kienet ilha tistaqsi lill-imputat għal lighter u dan dam ħafna ma jtiehiela jekk fil-fatt verament tagħielha. Hawnhekk ukoll Omissis 1 tbiddel il-versjoni tagħha għaliex għall-ewwel tgħid li ġabitha mill-Qorti meta kellha udjenza lejliet tal-inċident u lis-social worker qaltilha li kien Sir Joey li tahielha.

Il-fatt li l-Avukat Ġenerali għoġbitha ma takkużax lill-imputat bir-reat ta' stupru meta l-minorenni Omissis 1 tħhid li l-imputat daħħal subajh fil-parti vaġinali tagħha ukoll ifisser ħafna u cioe li ma emnitx lill-vittma Omissis 1 għaliex kienu emnitha żgur li kienet takkużaha b'dan ir-reat kif mogħtija fil-komparixxa iżda mhux fl-Artkoli mibgħuta minnha.

L-imputat kif tajjeb ukoll osservat l-ewwel Qorti għażel li jixhed u jagħti spjega u iwieġeb għad-domandi kollha li sarulu u dan b'mod kostanti u kredibbli. Fl-ebda ħin ma kien evasive u ta' spjega ta' kull domanda li ġiet imposta lilu. Dan jikkontrasta max-xhieda tal-allegati vittmi li f'ħin minnhom kienu evasivi u inċerti.

Fid-dawl tas-suespost din il-Qorti bħala Qorti ta' revisjoni ma tarax għaliex għandha ma tikkonfermax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti li għażlet li temmen lill-imputat u tiskarta x-xhieda tal-vittmi u dan in vista tal-karattru vindikattiv tagħhom.

Għalhekk qeda tikkonferma is-sentenza tal-ewwel Qorti in toto u għal darb'oħra qed tiddikajra li qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u piena.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imħallef**